**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 7 ta' Jannar 2021

Rikors Numru: 83/18/2 AL

**ABC**

**vs**

**DC**

**(M.R. Numru 2979/2014)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-konvenut li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi l-kontendenti zzewġu fil-11 ta' Ottubru 2014 mingħajr kitba taz-zwieġ, u huma l-ġenituri tal-minuri KBC li għandu ħames (5) snin;*

[1] Fol. 1-5.

2. *Illi permezz taz-zwieġ tagħhom il-komunjoni tal-akkwisti ġiet stabbilita bejn il-partijiet bħala r-reġim matrimonjali li tirregola l-proprjeta' tagħhom;*

3. *Illi z-zwieġ tal-partijiet tfarrak irrimedjabilment għar-raġunijiet imputabbli lil intimata, u wara li l-attriċi arbitrarjament u bla ebda raġuni valida abbandunat l-fond matrimonjali lura fis-7 ta' Settembru 2017, u ħatfet għaliha l-minuri, bir-rikorrent għamel xahar u nofs mċaħħad mill-istess ibnu; aġir possessiv fuq il-minuri li l-attriċi għadha tamministra sal-ġurnata tal-llum, b'dispett lejn l-Ordinijiet ta' din l-Onorabbli Qorti, kif qiegħed jitwera fil-mori tal-kawza odjerna;*

4. *Illi l-esponenti jirrileva umilment illi l-partijiet issa ilhom separati de facto għal aktar minn tlett snin u dan wara li l-intimata rrendiet il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet, għal kollox impossibli u għazlet li tfarrak l-familja;*

5. *Li percio' l-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni qudiem din l-Onorabbli Qorti hekk kif ippresjeduta, bil-ġbir tal-provi fil-kawza odjerna qed isir quddiem il-Perit Legali Abigail Critien;*

6. *Illi minkejja li r-rikorrent ressaq proposti serji u ġusti sabiex l-partijiet jaslu għal separazzjoni bonarja u jevitaw l-litiġju, speċjalment stante l-fatt li kif ser jingħad aktar l-quddiem, ma hemmx assi tal-komunjoni, u għaldaqstant l-akbar tahdidiet kienu rigward l-minuri, l-attriċi sa mill-bidu għamlet minn kollox sabiex ittawwal u xekkel il-proċeduri u l-possibilita' li l-partijiet jaslu għal ftehim bonarja;*

7. *Illi ansi l-attriċi għamlet diversi allegazzjonijiet li ġew imxejna minn esperti saħansitra ġew imċanfra minn din il-Qorti, sabiex tiddelunga l-proċeduri u ċċaħħad lir-rikorrenti minn ibnu;*

8. *Illi l-attriċi taħdem bħala għalliema filwaqt li r-rikorrenti jaħdem bħala Operations Manager fl-MCAST, bil-paga ta l-intimata hija għola minn dik tal-esponenti;*

9. *Illi l-attriċi dejjem ħbiet mill-esponenti d-dħul tagħha, u fil-fatt dejjem zammet l-finanzi tagħha totalment separati minn tal-esponenti, u kien l-esponenti li dejjem għamel tajjeb għall-ispejjes kollha tal-ħajja fiz-zmien meta l-partijiet kienu għadhom jgħixu flimkien (abitazzjoni, ikel u xorb,*

*kontijiet, u spejjez tal-minuri), u dan kif fil-fatt diġa' ġie spjegat fir-risposta ġuramentata tar-rikorrenti;*

*10.Illi llum-il ġurnata il-partijiet jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin. L-attriċi llum-il ġurnata qiegħda tgħix ħajja separata minn tal-esponenti zewġha, b'din m'għandhiex residenza tagħha personalment izda tgħix flimkien mal-ġenituri tagħha, fejn jgħix ukoll l-minuri tal-partijiet K B B, f'ambjent xejn konduziv għal izvilupp tal-istess, u f'liema residenza jgħixu ukoll zewġt aħwa tal-istess attriċi. Min-naħa l-oħra r-rikorrenti jgħix fil-fond matrimonjali;*

*11.Illi l-fond matrimonjali huwa r-residenza parafernali tar-rikorrenti stante li nxtara mill-istess qabel iz-zwieġ, u għal-arredar ta' din ir-residenza, l-attriċi qatt ma kkontribwiet bl-ebda mod, kemm fir-rigward ta' arredamenti u anke xogħolijiet oħra li twettqu fil-post, liema post tlesta unikament mir-rikorrenti qabel iz-zwieġ tal-partijiet, kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri odjerni;*

*12.Illi l-partijiet ma xtrawx vetturi fiz-zwieġ;*

*13.Illi peress li l-attriċi qatgħet il-kuntatt mar-rikorrenti, huwa għandu biza' u preokkupazzjoni serjissima li l-istess attriċi għamlet jew tista' effettivament tagħmel djun ma' terzi persuni, li percio' jaggravaw il-Komunjoni tal-Akkwisti;*

*14.Illi tenut kont li l-attriċi għazlet hi minn jedhha li tabbanduna l-fond matrimonjali, ma jkunx ġust fuq l-esponenti li jispiċċa bir-riskju li kwalsiasi djun li tista' tagħmel l-attriċi ad insaputa u mingħajr l-approvazzjoni tal-esponenti, jagħmlu tajjeb għalih, jew il-Komunjoni tal-Akkwisti jew agħar minn hekk l-esponenti nnifsu, u sakemm tiġi terminata l-Komunjoni tal-Akkwisti l-esponenti ser jibqa' espost għal tali riskji u konsegwenzi;*

*15.Illi sa fejn jaf ir-rikorrenti ma hemm l-ebda mobbli u/jew immobbli li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

*16.Illi l-attriċi ma hijiex ser issofri minn preġudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti, fil-mori tal-kawza odjerna;*

*17.Illi għall-kuntrarju, tali terminazzjoni tal-istess Komunjoni tal-Akkwisti għandha ġġib benefiċċju għal partijiet in kwantu ikunu irriakkwistaw id-*

*dritt illi jagħmlu l-atti kollha tal-ħajja ċivili u kummerċjali, u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens, l-approvazzjoni, jew l-intervent tal-parti l-oħra;*

18. *Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijietta' Malta jipprovdi s-segwenti:*

*(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residw u taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

19. *Illi għalhekk ma hemmx raġuni 'l għaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti ben il-kontendenti għandu jibqa' fis-seħħ.*

*Għaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Art. 55 tal-Kap. 16, kif ukoll;*
2. *Tiddikjara li r-reġim matrimonjali illi għandu japplika bejn il-kontendenti minn dakinhar tal-ordni tal-istess waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti, huwa s-separazzjoni tal-beni;*
3. *Tordna li l-istess ordni tiġi nnotifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex l-istess ordni tiġi debitament reġistrata minn l-istess Direttur.*

Rat ir-risposta tal-attriċi A B B[2], fejn eċċepiet:

*Illi t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda u dana għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Preliminarjament jiġi relevat illi anki jekk wieħed jara biss il-premessi tar-rikorrenti, huwa għamel mezz kif jipprova jasal għat-terminazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti billi:*

   *i. Minn jeddu;*

   *ii. Mingħajr ma għadu lanqas biss beda jressaq il-provi tiegħu;*

   *iii. Mingħajr ma għandu l-jedd li jagħmel hekk*

   *Jelenka, jikonkludi, arbitrarjament jiddeċiedi waħda x'jifforma l-kommunjoni tal-partijiet o meno;*

2. *Illi r-rikorrenti b'dan ir-rikors xejjen kull pretensjoni li għandha l-esponenti fuq il-kommunjoni b'dana li la semma (i) l-mobbli akkwistati fiz-zwieġ; (ii) id-dritt li l-esponenti tirrikjama benefikati o meno; (iii) id-dritt li saħansitra tieħu rifuzjoni ta' nofs il-homeloan u d-djun l-oħra li r-*

[2] Fol. 9-11.

*rikorrenti komodament ħallas mill-kommunjoni u għadu jħallas tenut kont li sal-llum il-partijiet għad għandhom il-kommunjoni;*

3. *Illi l-eponenti qatt ma dekadiet mid-drittijiet tagħha skont l-artikolu 42 et seq għax hi vittma flimkien ma' binha ta' vjolenza domestika u kien minħabba f'hekk - kif jirrizulta ampjament mill-proċess li dan iz-zwieġ intemm, l-esponenti kellha saħansitra tmur għar-refuġju f'shelter;*

4. *Illi għalhekk jirrizulta ċar u ampju illi l-uniku mod kif l-esponenti tista tezerċita l-jedd tagħha fuq il-kommunjoni huwa illi:*

   *i. Jiġu ribatiti l-premessi li fuqhom ir-rikorrenti qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu peress li ma humiex vertieri;*

   *ii. Ma jiġix preġudikat il-jedd tal-esponenti fuq il-kommunjoni peress li ma hemm l-ebda raġuni għala din għandha tiġi xolta għajr sabiex l-esponenti ma jkollhiex jedd li tibbenifika mill-jeddijiet li għandha skont il-liġi.*

5. *Illi s-subinċiz 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporjonat". Dana ġie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Jael Cassar vs RobertCassar u wkoll fil-kawza fl-ismijiet Martin Bezzina Wettinger vs Michella Bezzina Wettinger;*

6. *Illi l-esponenti tirreferi gas-segwenti sentenza u cioe': "b'sentenza mogħtija fl-ismijiet Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi: "In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lil parti jew ora li "f'kull zmien: matul iz-zmigħ ta-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjuġi… t-talba għall-waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicitnon ei qui negat";*

7. *Illi tali terminazzjoni tal-kommunjoni tal-assi hekk mitluba mir-rikorrenti ser ikun a benefiċċju tiegħu biss, u a detriment tal-esponenti minħabba l-inġurja kbira u l-qerq li b'mala fede tenut kont il-mod kif huwa bbaza din it-talba fuq premessi li fihom ikkonkluda l-assjem kollu tal-kommunjoni meta dana ma huwiex il-kaz u hija biss il-Qorti li tista tikkonkludi dan u*

*huwa għalhekk li jekk it-talba tar-rikorrenti tintlaqa', l-esponenti tkun qed tbati preġudizzju mhux proporzjonat sabiex hija tkun tista tirkupra sehema li r-rikorrenti qiegħed ixejjen fix-xejn;*

8. *Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet rikorrenti minħabba r-raġunijiet mogħtja f'din ir-risposta, partikolarment ai termini tal-Artikolu 55(4) minħabba li l-esponenti ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-kommunjoni qabel is-sentenza tal-firda; u dana kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors."*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci u l-Perit Legali Dr Abigail Critien;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-konvenut Gabriel B sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u dan peress li l-konvenut għandu biza li l-attriċi tista' tagħmel jew għamlet xi djun, għal liema djun il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ikollha tagħmel tajjeb għalihom. L-attriċi min-naħa tagħha qiegħda toġġezzjona għal din it-talba, liema oġġezzjoni qiegħda tiġi bbazata fuq tlett binarji u ċjoe' (i) il-konvenut minn jeddu kkonkluda dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, (ii) b'dana li naqas milli jsemmi li jezistu mobbli li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, liema mobbli ġew akkwistati matul iz-zwieġ, kif ukoll naqas milli jsemmi d-dritt tal-attriċi li tirrikjama benifikati u r-rifuzjoni lil attriċi tan-nofs il-*homeloans* u djun oħra, u (iii) tali azzjoni qiegħda tostakola lil attriċi milli tibbenefika mill-jeddijiet tagħha skont il-liġi.

2. **Prinċipji Legali:**

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' sabiex f'kull zmien matul is-smiegħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[3] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[4] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55(4) tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawza. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-ezerċizzju.

[3] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[4] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.

Il-Qorti tevalwa illi l-partijiet ilhom snin jgħixu *de facto* separati minn xulxin u dan wara li l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali u marret tgħix mal-ġenituri tagħha. Min-naħa l-oħra, l-konvenut baqa' jgħix fid-dar matrimonjali, liema proprjeta' allegatament hija parafernali tal-istess attur. Il-kawza ta' separazzjoni personali bdiet tinstema' quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci u issa quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien. Fil-prezent il-ġbir ta' provi għadu fi stadju attriċi, fejn mill-atti tal-kawza ta' separazzjoni personali jirrizulta illi l-partijiet għandhom numru ta' kontijiet bankarji, f'isimhom personali izda mhux konġunti, ma' diversi banek. Dawn il-kontijiet huma *savings accounts, current accounts, aplus accounts, loans* u *credit cards.* Il-konvenut fir-rikors ġuramentat tiegħu jgħid illi llum hu u martu jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin f'kull aspett, inkluz finanzjarjament. Għaldaqstant jikkonstata illi ma jkunx ġust jekk huwa jispiċċa bir-riskju li l-attriċi tidħol f'xi djun li jkollu jirrispondi għalihom hu jew il-komunjoni tal-akkwisti.

Hekk kif ġie ribadit fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[5] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Fil-kaz odjern, il-Qorti tevalwa li l-attriċi fir-risposta tagħha tirrileva illi kieku din il-Qorti tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet kif dedotti fir-rikors tal-konvenut, fiċ-ċirkostanzi hija sejra ssofri preġudizzju sproporzjonat *"sabiex hija tkun tista' tirkupra sehemha li r-rikorrenti qiegħed ixejjed fix-xejn".* Minkejja tali allegazzjoni, l-attriċi ma ttentatx tibbaza dan l-argument fuq disposizzjoni legali, jew ġġib prova f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-attriċi tgħid ukoll illi tali xoljiment ma jistgħax isir f'dan l-istadju stante li l-ġbir tal-provi għadu mhux konkluz u li l-konvenut b'mod qarrieq għazel li volontarjament ma jsemmix illi l-attriċi għandha sehem mill-mobbli mixtrija matul iz-zwieġ u li ħalset il-*homeloan* u djun oħra flimkien mal-konvenut.

---

[5] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.

Il-Qorti tibda sabiex tirrileva li Artikolu 55 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tista' ssir proprju f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda. Bil-kliem *"f'kull zmien matul is-smiegħ"* wieħed għandu jifhem li sabiex tiġi deċiza tali kwistjoni, ma huwiex ta' importanza f'liema stadju jinsabu l-provi, izda dak li jgħodd huwa l-preġudizzju sproporzjonat li parti jew oħra tista' issofri minn tali xoljiment ai termini tas-subinċiz 4 tal-istess artikolu tal-liġi. Naturalment jinkombi fuq dik il-parti li tallega tali preġudizzju sproporzjonat illi ġġib prova tal-istess. In vista ta' dan, l-argument tal-attriċi rigward l-istadju tal-provi ma jreġix u b'hekk din il-Qorti qiegħda tiskartah. Lanqas ma huwa relevanti f'dan l-istadju li l-konvenut kellu tabilfors issemmi fir-rikors odjern li nxtraw numru ta' mobbli waqt iz-zwieġ, jew li l-attriċi ħalset ammont mill-*homeloan* u djun oħra. Dan qiegħed jingħad għar-raġuni li lil hinn minn dan ir-rikors odjern, il-proċess tal-ġbir tal-provi ser jipprosegwi quddiem il-Perit Legali, fejn iz-zewġ partijiet għandhom il-fakolta' li jkompli jresqu l-provi mhux biss rigward il-minuri izda ukoll rigward dak kollu li jifforma parti mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti sakemm dan jibqa' *in vigore*.

Mill-atti tal-kawza, jirrizulta illi l-intiza tal-konvenut u kif ukoll tal-attriċi kienet minn dejjem li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi xolta u dan kif ikkorraborat bir-rikors ġuramentat tal-attriċi, ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, il-kontro-talba tal-konvenut u r-risposta ġuramentata għall-kontro-talba tal-attriċi. Tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbazi ta' dak dikjarat mill-konvenut fir-rikors odjern, ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet f'kaz illi xi ħadd mill-partijiet jidħol f'xi dejn li jista' jkollha tirrispondi għalih il-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenut ebda mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

Naturalment il-Qorti tfakkar li *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"* u dan kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree**

**Lowell sive Desiree Lowell B vs Michael Lowell**.[6] B'hekk l-argument tal-attriċi rigward il-fatt li ser tiġi ppreġudikata illi tirkupra sehemha maħruġ fil-passat mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, lanqas ma huwa validu u dan għaliex dak li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għad irid jiġi deċiz, likwidat u assenjat mill-Qorti fid-deċizjoni finali tagħha wara l-ġbir tal-provi kollha.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili;
2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni;
3. Tilqa' it-tielet talba u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiz 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

Dr. Abigail Lofaro

Imħallef

[6] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ottubru 2015.